*Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsa*

# Minuti

## Disa' Legislatura

***Laqgħa numru 48***

***5.30p.m 14 ta' Lulju 2022***

***Preżenti***

Is-Sur Josef Azzopardi - Sindku
Is-Sur Francis Debono - Kunsillier
Is-Sur Dominic Spencer - Kunsillier
Is-Sur Joseph Lia - Kunsillier
Is-Sinjura Charmaine Aquilina -Kunsillier

***Assenti b'apoloġija***

Is-Sur Colin Pace - Kunsillier

***Assenti***

Is-Sur Joseph Scerri - Viċi Sindku

***Uffiċjal Preżenti***

Edward Spiteri Audibert - Segretarju Ezekuttiv

## *Minuti*

Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi ippresjeda l-laqgħa.

### *48.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji.*

48.1.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Kunsillier is-Sur Colin Pace talab li jiġi skużat minħabba raġunijiet personali.

## *48.2 Kunsiderazjoni u Approvazzjoni tal-Minuti*

48.2.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi staqsa jekk hemmx xi mistoqsijiet jew kummenti fuq il-minuti tal-Laqgħa numru 46 u tal-Laqgħa Urġenti numru 47. Wara li ħadd mill-membri ma kellu emendi fuq il-minuti msemmija, l-Kunsillier is-Sur Joseph Lia issekonda. Il-Vot favur kien unanimu.

### *48.3 Komunikazzjoni mis-Sindku*

48.3.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li xtaq jgħati update lill-Kunsilliera dwar dak li deher fuq il-midja soċjali rigward it-tkissir tal-istatwa ta' Bernardette. Mill-informazzjoni li ġabru l-Pulizija fuq il-cameras tac-CCTV jidher li kien hemm persuna jitlob quddiem il-Madonna u wara li dan lesta mar biex jgħannaq l-istatwa fejn effettivament ir-ras ta' Bernardette tkissret. B'hekk dan ma kienx att ta' vandaliżmu kif konna qed naħsbu inizjalment.

## *48.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera*

48.4.1 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer talab update dwar il-knis fil-lokalita' u ressaq suġġeriment sabiex qabel ma jinħalsu t-toroq u jitpoġġew ritratti fuq il-midja soċjali, l-ewwel tittella' skeda tat-toroq li jkunu ser jinħalsu qabel ma jibdew jinħalsu, dan anke jgħati ċans lir-residenti sabiex jneħu l-karozzi tagħhom. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li jaqbel ma din il-proposta u qal li dwar il-ħasil tat-toroq jibda joħroġ l-iskeda qabel ma jsir il-ħasil. Dwat il-knis is-Sindku spjega li wara l-laqgħa preċedenti saret laqgħa urġenti mall-management tal-kumpanija fejn infurmajnihom li żammejna l-pagament minħabba ħafna nuqqasijiet. Huma kkommettew ruħhom li permezz tal-Contracts Manager tagħhom ser joħolqu skeda li permezz tagħha kull post ser jiġi miknus u kull bin imbattal. Is-Sindku rrimarka li matul dawn l-aħħar gimgħatejn kien hemm kambjament. Huwa qal li fadal ħafna x'isir, madankollu, kien hemm titjib. Apparti hekk issa ser ikun hemm Whatsup group fejn ta' kuljum il-foreman ser ikun qed jurina x-xogħol li sar matul il-jum, liema xogħol ser ikun imqabbel mall-iskeda.

48.4.2 Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono mhuwiex qed jara li kien hemm titjib fl-indafa tat-toroq. Kien hemm diskussjoni fost dawk preżenti fejn il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer irrimarka li jekk ma jkunx hemm titjib fix-xahar li ġej il-Kunsill jista' jerġa jwaqqaf il-pagament. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li huwa għandhu provi ċari li l-kenniesa qegħdin jaħdmu għax mhux biss jara r-ritratti li jibgħatu imma kuljum jagħmel sagħtejn idur mall-lokalita' u jiltaqa' mall-kenniesa. Huwa jaqbel li jekk verament fiż-żmien li ġej ma jkunx hemm aktar titjib jerġa jwaqqaf il-pagament, anzi żied jgħid li jkun huwa stess li jipproponi fuq il-mejda tal-Kunsill li jwaqqaf il-pagament tal-kenniesa.

48.4.3 Il-Kunsilliera s-Sinjura Charmaine Aquilina saħqet li f'Qormi Road tara kenniesa li jikinsu t-triq u wara ftit tal-ħin il-post jerġa jitħammeġ minħabba ħafna nies irresponsabbli li jarmu mall-art. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi kkonferma li din hija sitwazzjoni li tiġri ta' spiss.

48.4.4 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer sjega li f'dawn il-hotspots tal-iskart  hemm bżonn preżenza ta' enforcement officers pajżana, għaliex meta dawn ikunu lebsin l-uniformi bħal Community Police, ser ikun diffiċli li taqbad il-persuna nvoluta. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qabel perfettament ma din il-proposta u ser ikun qed itellaħa f'item separata fil-laqgħa li jmiss.

## *48.5 Kunsiderazjoni* u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti

48.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ta' spjega tal-pagamenti skond l-iskeda 07/2022 annessa. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhom xi mistoqsijiet jew kummenti oħra dwar il-kontijiet mressqa għall-approvazzjoni, s-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab l-approvazzjoni għall-ħlas tagħhom.  Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda u l-vot favur kien unanimu.

.

## *48.6 Deċiżjoni u Konsiderazzjoni fuq Korrispondenza*

48.6.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Għaqda Banda Marija Reġina qed jistaqsu l-Kunsill sabiex isir reklam fuq il-Programm tal-Festa ta' Marija Reġina għall-prezz ta' €300. Il-Kunsillier is-Sinjura Charmaine Aquilina ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

48.6.2 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Membru Parlamentari Davina Sammut Hili qed titlob laqgħa mall-membri kollha tal-Kunsill. Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono ssekonda filwaqt li l-vot favur li ssir din  laqgħa kien unanimu.

48.6.3 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Kumitat tal-Festi Esterni Marija Reġina qed jistaqsu jekk huwiex possibli li jixgħelu l-arblu li għamlu quddiem l-arma tal-Marsa Belt Kulturali 2022 fi Triq Isouard ħdejn il-funtana. Il-Kumitat qed isaqsi wkoll jekk il-Kunsill jistgħax jipprovdi servizz ta' Fire Engine waqt il-ħruq tan-nar tal-Festa. Dawk preżenti urew ix-xewqa li l-Kunsill jikkommunika mall-kumitat sabiex il-Kunsill ikun jistgħa jagħmel tajjeb għall-ispejjeż tal-arblu bil-għan li dan jintuża ukoll mill-Kunsill. Wara li ħadd ma kellu aktar mistoqsijiet il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *48.7 Update – Attivitajiet Belt Kulturali*

48.7.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li s-Sibt li ġej fis-16 ta' Lulju ser ikun hemm l-attivita' tal-Marsa Belt Kulturali bejn iż-żewġ għaqdiet ta' Marija Reġina quddiem iz-zuntier tal-Knisja fil-Lejla Maltija. Apparti hekk fid-29 ta' Lulju ser ikun hemm esebizzjoni ta' ritratti antiki tal-Marsa. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer saħaq li huwa importanti li meta l-Kunsill ikun qed jagħmel dawn l-attivitajiet ma joħorġux permessi oħra fil-lokal. Il-Kunsillier is-Sur Joseph Lia ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

48.7.2 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li f'Awissu ser ikun qed issir l-infjorata, pero s'issa għad m'hemmx data u ser ikun qed jagħti d-dettalji aktar il-quddiem. Is-Sindku talab lil-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer biex jagħti aktar dettalji dwar dak li qed jipprepara wkoll għax-xahar t-Awissu fejn ser issir laqgħa bejn l-għaqdiet tal-lokal u l-Kappillani sabiex issir Lejla Marsija fi Pjazza Magri fejn ikunu preżenti iż-żewġ vari tal-lokal, biż-żewġ baned u korijiet u titqaddes quddiesa mill-Arċisqof. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *48.8 Approvazzjoni tal-Bord t'Evalwazzjoni tender Day Care Centre*

48.8.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi staqsa lis-Segretarju Eżekkutiv jagħti dettalji tal-bord t'evalwazzjoni biex jiġi evalwat it-tender tad-Day Care Centre. Is-Segretarju talab l-approvazjoni tal-Kunsill biex iċ-Chairman ikun is-Sur Christopher Falzon, u l-evalwaturi jkunu l-Perit Dieter Falzon, s-Sur Malcolm Agius u s-Sur Philip Carabott. Wara li ħadd min dawk preżenti ma kellu oġġezzjoni l-Kunsillier is-Sur Francis Debono issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *48.9 Approvazzjoni tar-riżultati Finanzjarji awditjati 2021*

48.9.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi staqsa lis-Segretarju Eżekuttiv biex jagħti rendikont tar-riżultati finanzjari awditjati għas-sena 2021. Is-Segretarju spjega li meta sar l-awditjar l-awdituri nnotaw li kien hemm xi 12-il modifika li kien hemm bżonn issir, pero ħafna minnhom kienu zgħar. Tibdil wieħed biss kien sostanzjali, dak tal-WasteServ li kien jammonta għall-madwar €17,000, u li minflok ġew fis-section tad-debtors kienu inizjalment kienu fis-section tal-creditors. B'hekk is-surplus tas-sena finanzjarja kellha tonqos bi €17,000, madankollu, is-sena li għaddiet xorta waħda ġie rreġistrat surplus ta' madwar €44,000. Wara li ħadd min dawk preżenti ma kellu aktar mistoqsijiet il-Kunsillier is-Sinjura Charmaine Aquilina ssekondat filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *48.10 Cameras tal-Kunsill*

48.10.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi staqsa għall-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex jinxtraw żewġ cameras oħra ma dawk eżistenti fuq il-pont tal-Kunsill sabiex dawn jiġu nstallati f'tarf it-triq idejalment fuq poles bil-għan li jintlaħaq il-pont kollu u tiżdied is-sigurta'. Il-Kunsillier is-Sur Joseph Lia ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *48.11 Update – Bidu tas-Servizz tal-Vann*

48.11.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega lil dawk preżenti li inizjalment meta kienet qed issir l-aġenda l-ħsieb ta' din it-tema kella tkun ir-rottot li għamilhom kien ser ikun skedat il-vann. Il-ħsieb kien li l-vann immur f'żoni differenti tal-Marsa, sal-berġa tal-Ħamrun, il-Polyclinic tal-Furjana u anke l-isptar Mater Dei. Il-ħsieb kien ukoll li npoġġu data fissa fl-aħħar ta Lulju meta dan is-servizz kellu jibda, madankollu, b'dispjaċir is-Sindku qal li minħabba raġunijiet ta' saħħa d-driver li ġie magħżul fil-laqgħa preċedenti nformana li mhux ser jibda jaħdem. B'hekk ser ikompli jgħaddi mill-proċess tal-Jobsplus biex finalment il-Kunsill jerġa jgħamel l-interviews. Sadanittant il-Kunsillier is-Sur Francis Debono qal li huwa importanti li wara li jibda l-proċess tal-vann inkunu aċċertajna ruħna li kollox huwa kopert mill-insurance inkluż il-persuni li jkunu passiġġieri. Wara li ħadd min dawk preżenti ma kellu aktar mistoqsijiet, il-Kunsillier is-Sur Francis Debono ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *48.12 Discussjoni fuq it-Tender tal-Ġonna*

48.12.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li dwar it-tender tal-ġonna s-Segretarju Eżekkuttiv informa lid-Dipartiment bid-dettalji kollha ta' dak li ġie diskuss fil-laqgħa preċedenti. Id-dipartiment spjega li ġaladarba li ma kienx hemm bidla fil-kumpanija, ma kienx hemm għalfejn il-Kunsill jwaqqa t-tender preżenti. Madankollu, d-dipartiment qal li peres li kien hemm bidla f'min qed jitħallas, minħabba bidla ta' kif il-kumpanija hija managed, allura jkun hemm bżonn li ssir addendum mall-iffirmar tal-kuntratt, jekk kemm il-darba kien hemm din il-bidla. Il-Kunsillier is-Sinjura Charmaine Aquilina ssekondat filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *48.13 Tenders tal-Knis*

48.13.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi nforma l-dawk preżenti li l-kuntrattur tal-RBT ma kienx lest jaħdem it-tender tal-knis tal-korsa u minflok il-kumpanija tat-tindif ta' Antoine Bartolo kien lest jagħmel dan ix-xogħol. B'hekk ser ikun qed jibda jaħdem hekk idejalment min nhar it-Tnejn li ġej bil-għan li l-Kunsill jara d-differenza fit-tindif taż-żona. Apparti hekk is-Sindku talab l-approvazzjoni tal-Kunsill bil-għan li jkun hemm Chairman tal-Bord tar-Re-evalwazzjoni tat-tender tal-Knis. Il-persuna hija Dr Tiffany Attard li għandha esperjenza legali f'dan il-qasam u ħadmet fuq diversi tenders. Wara li ħadd min dawk preżenti ma kellu oġġezzjoni, l-Kunsillier is-Sur Joseph Lia ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *48.14 Għeluq taż-żona ta' taħt il-Kunsill*

48.14.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi ressaq proposta sabiex taħt il-pont tal-entratura tal-Kunsill fuq wara tal-Marigold Foundation isir gate tal-ħadid bil-għan li jnaqqas ħafna abbuzzi li jsiru fl-akwata. Wara li ħadd min dawk preżenti ma kellu oġġezzjoni għal din il-proposta, l-Kunsillier is-Sur Francis Debono ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *48.15 Żieda ta' jum - skips tal-Korsa*

48.15.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qed jissuġerixxi li tiżdied ġabra oħra nhar ta' Ħadd minħabba l-volumi ta' demel li jkun hemm. Dan wara li s-Sindku u l-Kunsillier is-Sur Colin Pace segwew għal tul ta' żmien dan il-ġbir. Wara diskussjoni fost dawk preżenti l-Kunsillier is-Sur Francis Debono qal li peress li l-Kunsill kien rebaħ kwaza l-Qorti li t-tindif tal-post iħallas għaliħ id-dipartiment, b'hekk il-Kunsill jista' jżid ġabra oħra minħabba raġunijiet ta' indafa u saħħa pubblika u l-invoice jibgħata d-dipartiment mall-invoices l-oħra. Kulħadd qabel ma din il-proposta filwaqt li l-Kunsillier s-Sinjura Charmaine Aquilina ssekondat, l-vot favur kien unanimu.

## *48.16 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

48.16.1 Il-laqgħa ntemmet fit-7.05pm u ġiet aġġornata għad-9 t'Awissu fit-5.30pm fil-bini amministrattiv tal-Kunsill kif kien miftiehem fis-seduta ta' qabel.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Josef Azzopardi<br>Sindku | Edward Spiteri Audibert<br>Segretarju Eżekuttiv |